MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru 190/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**ANNE MARIE CHETCUTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ann Marie Chetcuti ta' 32 sena, bint Joseph u Marianne nee' Scicluna, imwielda Attard fit-28 ta' Lulju 1973, u li toqghod f' Serenade, No. 85, Triq il-Liedna, Fgura. Detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 381973M.

Billi giet akkuzata talli f' Awissu 2004, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta’ l-APS Bank Ltd. u diversi persuni u azzjendi ohra;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprjat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta’l-APS Bank Ltd., u diversi persuni u azzjendi ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu minnhom;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew

skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba il-kariga jew l-impjiegi tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna/i li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

6. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn skrittura privata iffalsifikat li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 187(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

7. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 2 ta' Awissu, 2007 (Ara fol.94 tal-Pocess) u nnutat li l-imputata Anne Marie Chetcuti m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommara.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira l-ewwel (1.) akkuza, it-tieni (2.) akkuza, it-tielet (3.) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, is-sitt (6.) akkuza u s-seba' (7.) akkuza migjuba kontra l-imputata.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Anne Marie Chetcuti, fuq ammissjoni, hatja tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata, tillibera lill-istess imputata Anne Marie Chetcuti taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446

tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel (1.) akkuza, it-tieni (2.) akkuza, it-tielet (3.) akkuza, ir-raba’ (4) akkuza, is-sitt (6.) akkuza u s-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra l-imputata dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din it-talba u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Anne Marie Chetcuti l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------